MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 233/2011

Kawza fil-lista: 20

**RQ**
**vs**
**EQ nee' P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li l-partijiet kienu zzewgu fil-24 ta' Jannar, 1974 meta l-attur kien ghadu minorenni ; illi tmintax-il jum wara z-zwieg, sewwasew fil-11 ta' Frar, 1974 twieldet l-unika wild tal-kontendenti; illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga ; illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal

dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga; illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b'mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg; illi ghalkemm l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikou 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1)1 (h).

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil din l-Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat li l-intimata ma pprezentatx risposta guramentata ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet l-partijiet jiddeponi;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1)1 (h) tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta bdiet meta hu kellu 14 il-sena u hi kellha 16 il-sena. Kien ikollhom x'jaqsmu flimkien bla prekawzjoni u rrizulta li l-konvenuta harget tqila wara circa sena u tlett xhur.

Bejniethom iddecidew li jizzewwgu biex it-trobbija tat-tarbija ma tkunx bla missier kif fil-fatt kienet it-trobbija taghhom it-tnejn. Iz-zwieg sar meta l-attrici kellha tmien xhur u nofs tqala, sar bil-mohbi peress li l-familjari tieghu kienu opponew ghalih peress li kienu ghadhom zghar – l-attur kien taht l-eta' u kellu biss 16-il sena waqt li l-konvenuta kellha 18. Ghoxrin gurnata wara, twieldet it-tarbija u din baqghet l-unika wild.

Il-hajja konjugali damet 25 sena, imma ma kinetx wahda felici ghax ma kienu jaqblu f'xejn u kien ikollhom argumenti ta' spiss specjalment fuq il-flus.

L-attur jghid li qatt ma hassu qieghed go familja u ma kellux imhabba lejn martu ghalkemm kien attratt fizikament lejha u kien jirrispettaha bhala omm bintu ; aktar tfal ma rieditx ghax b'wahda kien kuntent u ghaldaqstant, l-att konjugali fiz-zwieg kien issir bi prekawzjoni.

Kien haseb li bintu kienet tieghu u hekk kienet tahliflu martu meta kien issaqqsiha ; izda rimarki minn terzi persuni gieghluh jibda jissuspetta mod iehor, pero' dak iz-zmien ma kellux mezzi biex jivverifika xjentifikament. Kien biss wara 25 sena zwieg, meta testijiet xjentifiki rrizultaw li s-suspetti tieghu kienu fondati.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid *'jien ghalija kien ihobbni'* (fol. 29); dejjem kienet konvinta li t-tarbija hija tieghu ghax *'Kieku ma kontx ser nizzewweg jiena.'* (fol. 26) u *'bqajt sa l-ahhaar tad-DNA li nghid li t-tarbija tieghu'* (fol. 26). Tispjega li t-tqala kienet rizultat meta, fl-gherusija darba meta kienu miggieldin kienet marret ma' ragel iehor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu 14 sena meta ltaqa' u mal-konvenuta li kellha 16 il-sena; kienu ghadhom zghar u privi minn certu grad ta' maturita'. Barra l-eta' zghira, dan iz-zwieg gie preceptitat minn tqala wara gherusija qasira li matulha ma setghax kien hemm zmien biex issiru jafu lil xulxin, jippreparaw ruhhom ghaz-zwieg u ghal l-

obbligazzjonijiet li dan jirrikjedi. Ghalkemm il-hajja konjugali damet 25 sena kienet hajja superficjali u mhux mibnija fuq imhabba u rispett imma fuq pjaciri.

Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat peress li kien priv b'mod sostanzjali minn maturita' affettiva u minn dik il-fakolta' kritika-estimattiva jew kritika-valuttiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; u ghalhekk jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal- artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba li z-zwieg huwa null, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil- 24 ta' Jannar 1974, huwa null u bla effett fil-ligi, tort taz-zewg partijiet.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------